# Siltiet minn Ħajti

minn Francis X. Saliba

Sewwa sew kelli tmien snin,
sfajt iltiem għall-ewwel darba,
ma' għarqa ta' Royal Oak,
f'ibħra kennija ta' Seapa How.

It-telfa ta' missieri,
il-familja kollha bkiet,
l-aktar l-għażiża ommi,
kienet dejjem tistennik.

Twelidt fil-belt tal-Isla,
kont għadni naħsibha ta' tfal,
meta faqqgħet it-tieni gwerra,
ma kontx nifhem dak li ntqal.

Trabbejt ma' omm missieri,
zija Mer u ziju Frans,
ħriġna mill-belt tal-Isla,
lejn iż-Żejtun nfittxu l-wens.

Tlaqt l-ommi u l-ħuti,
infridna minn xulxin,
dawn baqgħu ġewwa l-Isla,
domna żmien sewwa mifrudin.

Tfiegħ tal-bombi u sparar,
kienet ħaġa ta' kuljum,

fix-xelter neżlin u telgħin,
ħajjitna saret tat-twerwir.

Batejna ġuħ u anki mard,
fuqna feċċet l-iskabbrija,
dil-ħaġa ġriet ma' Malta kollha,
nuqqas ta' ikel u mediċina.

Bdejt issa mmur l-iskola,
l-iskola mtliet bis-suldati,
konna mmorru fid-djar tan-nies,
kellna għalliema ddedikata.

Kien rejd tat-Taljani,
ħadd ma stenna li se jsir,
intefgħu bombi fiż-Żejtun,
ħallew vittmi tmienja u għoxrin mejtin.

Kienet ġurnata lejliet is-Salib,
in-nies kienet sejra għall-Quddies',
meta bombi dawn splodew,
vittmi sfaw mtertqa fuq iz-zuntier.
Niftakar il-ġurnata sewwa,
ta' elf disgħa mija tnejn u erbgħin,
kont fil-klassi ta' Ġużè Galea,
ħariġna barra kien nieħdu kenn.

Meta kelli tlettax-il sena,
ġejt maħkum minn deni kbir,
nannti u ziti kkonfendew,

it-tabib Caruana ma ħasibx ħażin.

Fl-aħħar ħaduni Birżebbuġa,
arja din tagħmilli tajjeb,
ziti ġabitli t-tabib Gerada,
meninġite, iġru lejn l-isptar.

Sibt ruħi Lazzarett,
minn kulħadd iżolat,
ħadd ma seta' jarani,
waħdi f'kamra tturufnat.

Fl-aħħar waslet il-kundanna,
dan, dil-ġimgħa għandu jmut,
setgħu issa jiġu jarawni,
kulħadd beka dan dulur.

Ġie jarani Giuseppe Carbone,
ġabli ħelu mbierek ta' Dun Ġorġ,
aħna qed nitolbu għalik,
issa se jkolli nħallik.

Ma għaddewx wisq ġranet,
tobba tal-isptar ġew jarawni,
dawn stgħaġbu kif m'għandi xejn,
waqt li kienu qed jeżeminawni.

Erġajt lura ż-Żejtun,
in-nanna issa mietet,
kont ngħix maz-ziju Salv,

id-destin tagħna kifer.

Ta' ħmistax-il sena dħalt it-Tarzna,
tħarriġt fl-injam u l-ħadid,
x'sar minnha din it-Tarzna,
intilfet minn idejn il-Maltin.

Ta' tlieta u għoxrin sena,
bdejt naħseb jien ta' raġel,
għidt liz-ziju l-ħsieb tiegħu,
dak li hu tajjeb agħmel.

Sibt tfajla minn dawn in-naħat,
ommha miż-Żejtun, missier minn Bormla,
fassalna d-data tat-tieġ,
hekk seħħet din il-ħolma.

Iż-żwieġ sar ġo Birżebbuġa,
minn Mons. Spiteri Mikiel,
dan bierek it-tieġ tagħna,
issa morna ngħixu flimkien.

Minn dan iż-żwieġ kellna żewġt itfal,
illum aħna sirna nanniet,
it-tfal tagħna għandhom it-tfal,
sirna wkoll bużnanniet.

Żejtun għeruq tagħna,
dawn baqgħu jikbru magħna,
kultant niġu nżuruh,

inġeddu t-tfulija tagħna.